# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-760/23 [Shanov][i]**

**"EVN Bulgaria Toplofikatsia" EAD**
**vs**
**OZ**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Plovdiv)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-23 ta' Ottubru 2025**

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Enerġija – Promozzjoni tal-effikaċja enerġetika – Direttiva 2012/27/UE – Artikolu 9(3) – Kontabbiltà trasparenti u eżatta tal-konsum ta' enerġija termali tal-partijiet komuni – Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kwantità reali tas-sħana pprovduta lil kull abitazzjoni – Algoritmu dwar it-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum ta' enerġija termali fil-kondominju"

1. *Domandi preliminari – Ammissibbiltà – Domandi magħmula mingħajr informazzjoni suffiċjenti fuq il-kuntest fattwali u leġiżlattiv u fuq ir-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta' risposta għad-domandi preliminari – Assenza ta' rabta bejn il-kawża prinċipali u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fid-domandi preliminari – Inammissibbiltà manifesta*
   *(Artikolu 267 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 94)*

(ara l-punti 39 sa 44)

2. *Enerġija – Promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija – Direttiva 2012/27 – Kejl tal-konsum – Obbligi tal-Istati Membri li jipprovdu għall-installazzjoni fil-binjiet ta' arloġġi individwali ta' konsum ta' tisħin, ta' tkessiħ u ta' ilma sħun – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lil kull proprjetarju ta' appartament fi ħdan kondominju jħallas spejjeż relatati mal-konsum ta' enerġija termali trażmessa mill-installazzjoni interna tal-proprjetà immobbli proporzjonalment għall-volum imsaħħan tal-appartament tiegħu – Ammissibbiltà – Kundizzjoni – Kalkolu tat-tariffi bbażat fuq regoli u parametri li jiżguraw it-trasparenza u l-preċiżjoni tal-kontabbiltà tal-konsum individwali*
   *(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2012/27, premessa 20 u Artikoli 1, 9(1) u (3) u 10(1))*

(ara l-punti 50 sa 65, u d-dispożittiv)

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

Ara t-test tad-deċiżjoni.